MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2012

Numru. 964/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND MICALLEF**

**VS**

**FRANCESCA DARMANIN**

**Illum 1 ta' Novembru 2012.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Francesca Darmanin, ta' 19-il sena, bint Sandro u Roberta xebba Busuttil, imwielda Pieta' nhar l-24 ta' Dicembru, 1992, residenti gewwa l-fond Block 71, Flat 5, Triq Santa Liena,

Bormla u detentrici tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 25893 M;

Talli:

Fit-23 ta’ Settembru 2010, matul il-jum u cioe’ ghall-habta ta’ l-erbgha neqsin kwart ta’ wara nofsinhar, f’dawn il-Gzejjer u cioe’ minn gewwa l-fond Sotts Supermarket, Triq Amery, Tas-Sliema, ikkommettiet serq ta’ diversi oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u li sar ghad-detriment ta’ Joseph Grech u/jew ta’ persuni ohra;

Kif ukoll, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala l-persuna li lilha giet fdata jew ikkunsinnata minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha, jew minhabba depozitu necessarju, approprijat ruhha, billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor u li giet fdata jew minnha specifikat, ghad-detriment ta’ Joseph Grech u/jew ta’ persuni ohra.

Rat id-dokumenti ezebiti;

Rat l-Artikoli 261, 268, 281 (a), 293 u 294 tal-Kodici Kriminali ta’ Malta;

Rat illi l-imputata kienet minorenni fiz-zmien li twettaq dan ir-reat, u ghalhekk bil-ligi kellha tibbenefika minn riduzzjoni fil-piena skond l-Artikolu 37 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat illi l-imputata kienet hallset kollox lura lid-derubati, qabel ma kienu nbdew dawn il-proceduri;

Rat il-fedina penali netta tal-imputata;

Rat illi l-imputazzjonijiet inghataw bhala alternattiva ghal xulxin, u ghalhekk peress illi r-reat jinkwadra ruhu taht l-elementi kollha tas-serq, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu

konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, peress illi din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-ammissjoni bikrija u volontarja tal-imputata, ma thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmija Francesca Darmanin, hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha, filwaqt li tilliberaha bil-kondizzjoni li ma tikkomettix reat iehor fi zmien tlett (3) xhur mil-lum, a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------